# TRIBUNAL IDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2414

**Kaz Nru. 2570/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**David Martin**
**u**
**Goldvest Company Limited**
**(C18266).**

**(dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali, permezz tar-rikorrenti David Martin u l-ewwel seduta f'din il-Kwistjoni tax-Xoghol inzammet nhar it-Tlieta 15 ta' April, 2008 fil-Qrati Superjuri. Matul is-smigh tal-kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avukat Alessia Zammit McKeon u ghas-Socjeta ntimata deher l-Avukat Vincent Galea.**

**Fl'Istqarrija tieghu ir-rikorrenti jghid, li hu kien gie mpjegat mas-Socjeta ntimata fil-grad ta' General Manager fil-lukanda Imperial Hotel u dan kien b'effett mid-9 ta' Lulju, 2007. Huwa jghid ukoll, li l-impieg tieghu gie tterminat fit-8 ta' Jannar, 2008. Ir-rikorrenti jghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz tieghu, li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret minghajr raguni tajba u bi ksur tal-ligi.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz is-Socjeta ntimata qalet, li rrikorrenti gie mpjegat bhala General Manager tal-Kumpanija fid-9 ta' Lulju, 2007. Hija tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn il-Managing Director tal-Kumpanija talab certa nformazzjoni lir-rikorrenti u din l-informazzjoni ma gietx moghtija minnhu. Dwar dan is-Socjeta semmiet il-kuntratti ma Charisma Travel, Alpine Sterling Travel u ma Ray Azzopardi, li dawn il-kuntratti ma kellhomx il-kundizzjonijiet iffirmati u ghaldaqstant ma kienux validi.**

**Is-Socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz taghha, li r-rikorrenti kien ukoll bghat korrispondenza lill Managing Director, fejn il-kontenut taghha kien offensiv u arroganti. Is-Socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti kien supperv, kien jidhol ghax-xoghol bejn id-9.00 – 9.30 ta' fil-ghodu meta suppost kellu jidhol fis-7.00 ta' fil-ghodu u dan kellu jidhol f'dan il-hin biex jikkontrolla l-impjegati u jghidilhom x'ghandhom jghamlu, ma**

**dan hafna drabi kien jiehu "off" nhar ta' Hadd, meta kien gie avzat biex ma jaghmilx hekk .**

**Is-Socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz, li r-rikorrenti hafna drabi bghat messaggi lil Tour Operators b'izjed minn xahar tard, b'konsegwenza dizastruza ghal lukanda, ma dan hafna mill-messaggi kienu qosra u halla barra parti sostanzjali minghajr l-approvazzjoni tal-Managing Director.**

**Is-Socjeta tghid ukoll fl-istqarrija tal-Kaz taghha, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti saret b'ittra datata 8 ta' Jannar, 2008 li giet iffirmata mill-Managing Director fejn kienet tghid " for having, amongst other unacceptable failures, frequently a) made false statements; b) disregarded my instructions; c) sent arrogant messages.**

**Is-Socjeta tghalaq l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li r-rikorrenti baghat ittra datata 18 ta' Jannar, 2008 lill Managing Director fejn talab apologija ghal dak li ghamel u talab li jerga jkompli fix-xoghol ta' General Manager.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrenti kien gie mpjegat bhala General Manager fil-lukanda Imperial Hotel permezz ta' kuntratt tax-xoghol b'sehh mid-9 ta' Lulju, 2007. Mill-provi jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret b'sehh mit-8 ta' Jannar, 2008.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul dan il-perjodu l-operat tal-lukanda kien ghaddej minn perjodu incert, peress li kien hemm il-hsieb li l-lukanda tinbieh. Mill-provi jirrizulta wkoll, li din l-incertezza kompliet tizdied meta l-ewwel gew moghtija struzzjonijiet lir-rikorrenti biex ma jittiehdux aktar bookings ghas-sajf, wara din l-istruzzjoni giet mibdula biex jittiehdu l-bookings ghas-sajf u aktar tard din l-istruzzjoni giet mibdula wkoll sabiex ma jittiehdux bookings wara l-ahhar ta' Gunju, 2008.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li din is-sitwazzjoni kienet qed tohloq certa ansjeta fir-relazzjonijiet bejn l-istaff, kif ukoll bejn ir-rikorrenti u is-superjur tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li rigward l-allegazzjonijiet li ghamlet is-Socjeta fil-konfront tar-rikorrenti, li ma kienx jirrispondi ghal informozzjoni li kienet tigi mitluba mill-Managing Director, dawn l-allegazzjonijiet gew michuda mir-rikorrenti fejn anke gie spjegat lit-**

**Tribunal Industrijali, li gieli ma wegibx fil-hin ghat-talbiet tal-Managing Director ghar-raguni, li certa nformazzjoni li kienet mitluba ma setghax iwegieba fil-hin peress, li kellu jistenna biex igieb din l-informazzjoni minn sorsi ohra.**

**Matul il-provi is-Socjeta qalet ukoll, li setghet tittermina l-impieg tar-rikorrenti mhux biss ghar-ragunijiet sufficjenti li diga gew imsemmija fl'istqarrija tal-Kaz taghha, imma wkoll ghar-raguni li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet saret waqt iz-zmien ta' prova u ghal dan kien hemm provediment fil-ligi.**

**Ghan-naha tar-rikorrenti saret kontestazzjoni ghal din l-istqarrija tas-Socjeta fejn inghad lit-Tribunal Industrijali, li ma kellux jikkunsidra li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet saret waqt iz-zmien ta' prova u dan peress li s-socjeta fil-proceduri nizjali taghha, ma kienitx tghat din ir-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti tal-kaz inkwestjoni, fejn jidher mill-provi li deheru quddiemu li r-relazzjoni tax-xoghol bejn ir-rikorrenti u l-Managing Director tas-Socjeta ma kienitx wahda felici. Jistgha jghati l-kaz, li ir-raguni kienet peress li l-lukanda inkwestjoni kienet ghaddejja minn perjodu ta' incertezza u**

**ghaldaqstant, din kienet ir-raguni li kkawzat certa ansjeta fir-relazzjoni tax-xoghol bejn il-partijiet inkewstjoni.**

**F'dawn il-kunsiderazzjoni it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-aspett dwar il-punt li qajmet is-Socjeta li t-terminazzjoni ta' l-impieg sar b'sehh waqt iz-zmien ta' prova u invista ta' dan it-Tribunal Industrijali jezamina wkoll l-aspett tal-provediment tal-Ligi ta' L-Att ta' L-2002 Dwar l-Impiegi u R-Relazzjonijiet Industrijali, fejn Taqsima V Temm ta' Kuntratti Ta' Servizz, Artiklu 36 sub-artiklu (1) u (2) jghidu "Izda fil-kaz ta' kuntratt ta' servizz jew ta' ftehim kollettiv dwar impjegati li jkollhom karigi teknici, ezekuttivi, amministrattivi jew ta' direzzjoni u li l-pagi taghhom ikunu ghall-inqas id-doppju tal-paga minima stabbilita f'dik is-sena, dak iz-zmien ta' prova jkun ta' sena sakemm ma jigix specifikat mod iehor fil-kuntratt ta' servizz jew fil-ftehim kollettiv". Sub-artiklu (2) jghid ukoll "Waqt l-impieg bi prova, l-impieg jista' jigi mitmum min min ikun irid miz-zewg partijiet minghajr ma jaghti ebda raguni".**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u ezamina sub-artikli (1) u (2) ta' l-Artiklu 36 ta' L-Att ta' L-2002 Dwar L-Impiegi u R-Relazzjonijiet Industrijali, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal-konkluzzjoni li t-**

**terminazzjoni ta' l-impieg saret waqt iz-zmien ta' prova u ghaldaqstant jiddeciedi li ma saritx bi ksur tal-ligi.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Data : 3 ta' Novembru, 2015**